



# UNJONI EWROPEA

IL- PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussel, 22 ta' Mejju 2007  
(OR. en)

2005/0282 (COD)

PE-CONS 3602/2/07  
REV 2

ENT 9  
ENV 43  
CODEC 65

## ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:                   REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL  
dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-  
emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali  
(Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-  
manutenzjoni tal-vetturi

**Regolament (KE) Nru .../2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**tal-...**

**dwar l-approvazzjoni tat-tip ta'  
vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u  
ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6)  
u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C 318, 22.12.2006, p. 62.

<sup>2</sup> Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2006 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-...

Billi:

- (1) Is-suq intern jikkonsisti f'żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital għandu jiġi żgurat. Għal dak l-għan, hemm fis-seħħ sistema ta' approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur, stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom<sup>1</sup>. Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' emissjonijiet għandhom għalhekk jiġu armonizzati biex jiġu evitati rekwiżiti li jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, u biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali.
- (2) Dan ir-Regolament huwa wieħed minn numru ta' atti regolatorji separati fil-kuntest tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip taħt id-Direttiva 70/156/KEE. Għalhekk, dik id-Direttiva għandha tiġi emendata skond dan.
- (3) Fuq talba tal-Parlament Ewropew ġie introdott approċċ regolatorju ġdid fil-leġislazzjoni ta' l-UE dwar il-vetturi. B'hekk, dan ir-Regolament jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet fundamentali dwar l-emissjonijiet mill-vetturi, filwaqt li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jiġu stabbiliti permezz tal-miżuri ta' implimentazzjoni adottati wara l-proċeduri ta' kumitoloġija.

---

<sup>3</sup> ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/40/KE (ĠU L 161, 14.6.2006, p. 12).

- (4) F'Marzu 2001 il-Kummissjoni varat il-programm Arja Nadifa għall-Ewropa (CAFE), li l-elementi ewlenin tiegħu huma spjegati f'komunikazzjoni ta' l-4 ta' Mejju 2005. Dan wassal għall-adozzjoni ta' strateġija tematika dwar it-tniġġis ta' l-arja bil-komunikazzjoni tal-21 ta' Settembru 2005. Waħda mill-konklużjonijiet ta' l-istrateġija tematika hija li hemm bżonn ta' tnaqqis ulterjuri ta' l-emissjonijiet mis-settur tat-trasport (trasport bl-ajru, marittimu u bl-art), mid-djar u mis-setturi ta' l-enerġija, tal-biedja u ta l-industrija biex jinkisbu l-għanijiet ta' l-UE dwar il-kwalità ta' l-arja. F'dan il-kuntest, il-ħidma biex jitnaqqsu l-emissjonijiet minn vetturi għandha tiġi affrontata bħala parti minn strateġija globali. L-istandards Euro 5 u 6 huma waħda mill-miżuri mfassla biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' partikulat u ta' prekursori ta' l-ożonu, bħal ma huma l-ossidi tan-nitroġenu u l-idrokarburi.
- (5) Hemm bżonn ta' sforzi kontinwi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-vetturi sabiex jintlaħqu l-oġettivi ta' l-UE rigward il-kwalità ta' l-arja. Għal dik ir-raġuni, l-industrija għandha tingħata informazzjoni ċara dwar il-valuri ta' limitu għall-emissjonijiet fil-ġejjieni. Għalhekk, apparti l-Euro 5, dan ir-Regolament jinkludi l-istadju Euro 6 tal-valuri ta' limitu għall-emissjonijiet.

- (6) B'mod partikulari, hemm bżonn ta' tnaqqis konsiderevoli ta' l-emissjonijiet ta' l-ossidju tan-nitroġenu biex tittejjeb il-kwalità ta' l-arja u biex ikun hemm konformità mal-valuri ta' limitu għat-tniġġis. Dan jeħtieġ li, fl-istadju Euro 6, jintlaħqu valuri ta' limitu ambizzjużi, mingħajr ma' jkun hemm l-obbligu li jiġu abbandunati l-vantaġġi tal-magni diesel f'dak li għandu x'jaqsam mal-konsum tal-fjuwil u ma' l-emissjonijiet ta' idrokarburi u tal-monossidju tal-karbonju. Jekk jiġi stabbilit pass ta' dan it-tip għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' l-ossidju tan-nitroġenu fi stadju bikri, tingħata sigurtà għall-ippjanar fit-tul, fl-Ewropa kollha għall-manifatturi ta' vetturi.
- (7) Fl-iffissar ta' l-istandards għall-emissjonijiet huwa importanti li jitqiesu l-implikazzjonijiet għas-swieq u l-kompetittività tal-manifatturi, in-nefquiet diretti u indiretti imposti fuq in-negozju u l-benefiċċji li jinħolqu f'termini ta' thegħiġ ta' l-innovazzjoni, titjib fil-kwalità ta' l-arja, tnaqqis fin-nefquiet għas-saħħa, u żieda fil-medja ta' l-għomor, kif ukoll l-implikazzjonijiet ta' l-impatt globali fuq l-emissjonijiet CO<sub>2</sub>.

- (8) Hemm bżonn ta' aċċess bla restrizzjonijiet għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manteniment tal-vetturi, bl-użu ta' format standardizzat li jista' jintuża biex terġa' tinkiseb l-informazzjoni teknika u l-kompetizzjoni effettiva fis-suq biex jittejjeb il-mod kif jaħdem is-suq intern, partikolarment fir-rigward tal-moviment liberu ta' merkanzija, il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu provduti servizzi,. Proporzjon kbir ta' tali informazzjoni hu relatat ma' sistemi dijanjostiċi fil-vettura (OBD) u l-interazzjoni tagħhom ma' sistemi ta' vetturi oħra. Ikun xieraq li jiġu stabbiliti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li l-websajts tal-manifatturi għandhom isegwu, flimkien ma' miżuri mmirati biex jiġi żgurat aċċess raġonevoli għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs). Standards komuni miftehma bl-involviment ta' kull min hu involut, bħall-format OASIS<sup>1</sup>, jistgħu jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-manifatturi u l-fornituri ta' servizzi. Hu għalhekk xieraq li inizjalment jiġi rikjest l-użu ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-format OASIS u biex il-Kummissjoni tintalab tirrikjedi CEN/ISO biex dan il-format ikompli jiġi żviluppat fi standard bl-intenzjoni li l-format OASIS jiġi sostitwit fiż-żmien dovut.
- (9) Mhux aktar tard minn erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-operat tas-sistema ta' aċċess għall-informazzjoni kollha dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi bl-intenzjoni li jiġi determinat jekk ikunx xieraq li d-dispożizzjonijiet kollha li jirregolaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni ta' vetturi jiġu konsolidati fi ħdan Direttiva qafas riveduta dwar l-approvazzjoni tat-tip. Jekk id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-aċċess għall-informazzjoni kollha dwar vetturi jiġu inkorporati f'dik id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet korrispondenti f'dan ir-Regolament għandhom jitħassru, sakemm id-drittijiet eżistenti għall-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni jiġu preżervati.

---

<sup>1</sup> Organizzazzjoni għall-Avvanzament ta' Standards ta' Informazzjoni Strutturata.

- (10) Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-emissjonijiet li għadhom mhux regolati u li jinħolqu bħala konsegwenza ta' użu usa' ta' formulazzjonijiet ġodda ta' karburanti, teknoloġiji tal-magni u sistemi ta' kontroll ta' emissjoni u, fejn jeħtieġ, tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-għan li jiġu regolati dan it-tip ta' emissjonijiet.
- (11) Sabiex tiġi faċilitata l-introduzzjoni ta' vetturi li jużaw fjuwils alternattivi u sabiex dawn it-tip ta' vetturi, li jista' jkollhom emissjonijiet baxxi ta' ossidju tan-nitroġenu u ta' materja partikulata, ikompli jeżistu, u fl-istess ħin jinkoraġġixxu emissjonijiet imnaqqs minn vetturi li jaħdmu bil-petrol, dan ir-Regolament jintroduċi valuri ta' limitu separati għal idrokarburi totali u idrokarburi totali mhux tal-metanu.
- (12) Għandhom jitkomplew l-isforzi għall-implimentazzjoni ta' limiti aktar stretti fuq l-emissjonijiet, li jinkludu tnaqqis fl-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju, u sabiex jiġi żgurat li daww il-limiti jirrelataw mar-rendiment fil-fatt tal-vetturi meta dawn ikunu qed jintużaw.
- (13) Sabiex jiġi żgurat li l-emissjonijiet ta' materjal partikulat fin ħafna (PM 0.1  $\mu\text{m}$  u inqas) ikunu kkontrollati, il-Kummissjoni għandha tadotta, malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard mid-dħul fis-seħħ ta' l-istadju Euro 6, metodu bbażat fuq numri fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' PM, b'żieda mal-metodu bbażat fuq il-massa li jintuża bħal issa. L-approċċ ibbażat fuq numri għal emissjonijiet ta' PM għandu jaħdem fuq ir-riżultati tal-Programm tal-Kejl tal-Partikulati (PMP) ta' l-UN/ECE, u għandu jkun konsistenti ma' l-għanijiet ambizzjużi eżistenti għall-ambjent.

- (14) Biex tipprovdi possibbiltà akbar ta' ripetizzjoni tal-kejl tal-massa u tan-numru ta' emissjonijiet f'partikulati fil-laboratorju, il-Kummissjoni għandha tadotta proċedura ġdida ta' kejl li tissostitwixxi l-proċedura attwali. Dan għandu jsir mill-aktar fis possibbli, u sa mhux aktar tard mid-dħul fis-seħħ ta' l-istadju Euro 6. Għandu jkun ibbażat fuq ir-riżultati tal-PMP. Meta l-proċedura ta' kejl il-ġdida tiġi implimentata, il-limiti tal-massa ta' PM stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom jiġu kkalibrati mill-ġdid, billi l-proċedura l-ġdida tirreġistra livell aktar baxx ta' massa minn dak attwali.
- (15) Il-Kummissjoni għandha żżomm taħt konsiderazzjoni l-bżonn li tirrevedi ċ-Ċiklu l-Ġdid tas-Sewqan Ewropew (*New European Drive Cycle*) bħala proċedura ta' ttestjar li tipprovdi l-bażi għar-regolamenti dwar emissjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip KE. L-aġġornament jew is-sostituzzjoni ta' ċikli ta' ttestjar jistgħu jkunu meħtieġa biex jirriflettu l-bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vetturi u l-imġieba tas-sewwieqa. Revizzjonijiet jistgħu jkunu meħtieġa biex jiżguraw li l-emissjonijiet fid-dinja reali jikkorrispondu għal dawk imkejla fl-approvazzjoni tat-tip. L-użu ta' sistemi *portable* ta' kejl ta' emissjonijiet u l-introduzzjoni ta' kunċett regolatorju ta' "m'għandux jinqabeż" għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.
- (16) Sistemi OBD huma importanti għall-kontroll ta' l-emissjonijiet matul l-użu tal-vettura. Minħabba l-importanza li jiġu kkontrollati l-emissjonijiet fid-dinja reali, il-Kummissjoni għandha żżomm taħt konsiderazzjoni r-rekwiżiti għal tali sistemi u l-limiti ta' tolleranza għall-monitoraġġ ta' difetti.

- (17) Metodu standardizzat għall-kejl tal-konsum tal-karburant u ta' l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju mill-vetturi huwa meħtieġ biex jiżgura li ebda ostakli tekniċi għall-kummerċ ma jinħolqu bejn l-Istati Membri. Aktar minn hekk, huwa wkoll meħtieġ li jiġi żgurat li l-klijenti u l-utenti jingħataw informazzjoni oġġettiva u preċiża.
- (18) Qabel ma titħejja proposta għal standards futuri ta' l-emissjonijiet, il-Kummissjoni għandha tagħmel studji maħsuba sabiex jiġi determinat jekk għadux meħtieġ li titkompla s-suddiviżjoni ta' kategoriji ta' vetturi fi gruppi, u jekk jistgħux jiġu applikati limiti ta' emissjonijiet indipendenti mill-massa.
- (19) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu, permezz ta' inċentivi finanzjarji, jgħaġġlu t-tqegħid fis-suq ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti adottati fil-livell Komunitarju. Madanakollu, tali inċentivi għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, b'mod partikolari r-regoli dwar l-għajjnuna statali. Dan sabiex jevitaw distorsjonijiet fis-suq intern. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa d-dritt ta' l-Istati Membri li jinkludu l-emissjonijiet fil-bażi tal-kalkolu tat-taxxi imposti fuq il-vetturi.

- (20) Billi l-leġiżlazzjoni dwar l-emissjonijiet u l-konsum tal-karburant tal-vetturi żviluppat matul perjodu ta' aktar minn 35 sena u issa hija mifruxa fuq aktar minn 24 Direttiva, huwa rakkomandabbli li daww id-Direttivi jiġu sostitwiti b'regolament ġdid u numru ta' miżuri ta' implimentazzjoni. Regolament jiżgura li d-dispożizzjonijiet tekniċi dettaljati jkunu applikabbli direttament għall-manifatturi, awtoritajiet ta' l-approvazzjoni u servizzi tekniċi u li jkunu jistgħu jiġu aġġornati b'aktar ħeffa u effiċjenza. Id-Direttivi 70/220/KEE<sup>1</sup>, 72/306/KEE<sup>2</sup>, 74/290/KEE<sup>3</sup>, 80/1268/KEE<sup>4</sup>, 83/351/KEE<sup>5</sup>, 88/76/KEE<sup>6</sup>, 88/436/KEE<sup>7</sup>,

---

<sup>1</sup> Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE ta' l-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn vetturi bil-mutur (ĠU L 76, 6.4.1970, p.1.). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/76/KE (ĠU L 206, 15.8.2003, p.29).

<sup>2</sup> Direttiva tal-Kunsill 72/306/KEE tat-2 ta' Awissu 1972 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra emissjonijiet ta' inkwinanti minn magni diesel għall-użu fil-vetturi (ĠU L 190, 20.8.1972, p.1).

<sup>3</sup> Direttiva tal-Kunsill 74/290/KEE tat-28 ta' Mejju 1974 li tadatta għal progress tekniku d-Direttiva 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn gassijiet minn magni "positive-ignition" ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 159, 15.6.1974, p. 61). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/101/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p.238).

<sup>4</sup> Direttiva tal-Kunsill 80/1268/KEE tas-16 ta' Diċembru 1980 dwar l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju u l-konsum tal-karburanti minn vetturi bil-mutur (ĠU L 375, 31.12.1980, p.36). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 49, 19.2.2004, p.36).

<sup>5</sup> Direttiva tal-Kunsill 83/351/KEE tas-16 ta' Ġunju 1983 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn gassijiet minn magni "positive-ignition" ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 197, 20.7.1983, p. 1).

<sup>6</sup> Direttiva tal-Kunsill 88/76/KEE tat-3 ta' Diċembru 1987 li temenda d-Direttiva 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn gassijiet mill-magni ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 36, 9.2.1988, p. 1).

<sup>7</sup> Direttiva tal-Kunsill 88/436/KEE 16 ta' Ġunju 1988 li temenda d-Direttiva 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn gassijiet mill-magni ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 214, 9.2.1988, p. 1).

89/458/KEE<sup>1</sup>, 91/441/KEE<sup>2</sup>, 93/59/KEE<sup>3</sup>, 94/12/KE<sup>4</sup>, 96/69/KE<sup>5</sup>, 98/69/KE<sup>6</sup>, 2001/1/KE<sup>7</sup>, 2001/100/KE<sup>8</sup> u 2004/3/KE<sup>9</sup> għandhom għallhekk jiġu mħassra. Barra min dan, l-Istati Membri għandhom iħassru wkoll il-leġislazzjoni li tittrasponi d-Direttivi mħassra.

- 
- <sup>1</sup> Direttiva tal-Kunsill 89/458/KEE tat-18 ta' Lulju 1989 li temenda, fir-rigward tan-normi ta' emissjonijiet ewropej għal vetturi b'cilindraċċ inqas minn 1,4 litre, id-Direttiva 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja permezz ta' emissjonijiet ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 226, 3.8.1989, p1).
- <sup>2</sup> Direttiva tal-Kunsill 91/441/KEE tas-26 ta' Ġunju 1991 li temenda d-Direttiva 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja permezz ta' emissjonijiet ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 242, 30.8.1991, p.1).
- <sup>3</sup> Direttiva tal-Kunsill 93/59/KEE tat-28 ta' Ġunju 1993 li temenda d-Direttiva 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja permezz ta' emissjonijiet ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 186, 28.7.1993, p.21).
- <sup>4</sup> Direttiva 94/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 1994 dwar miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja permezz ta' emissjonijiet ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 100, 19.4.1994, p.42).
- <sup>5</sup> Direttiva 96/69/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 1996 li temenda d-Direttiva 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja permezz ta' emissjonijiet ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 282, 1.11.1996, p.64).
- <sup>6</sup> Direttiva 98/69/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja permezz ta' emissjonijiet ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 350, 28.12.1998, p.1).
- <sup>7</sup> Direttiva 2001/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja b'emissjonijiet minn vetturi bil-mutur (ĠU L 35, 6.2.2001, p. 34).
- <sup>8</sup> Direttiva 2001/100/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn emissjonijiet minn vetturi bil-mutur (ĠU L 16, 18.1.2002, p. 32).
- <sup>9</sup> Direttiva 2004/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li temenda d-Direttivi 70/156/KEE u 80/1268/KEE tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam ma miżuri dwar emissjonijiet tad-diossidu u l-karbonju u l-użu tal-fjuwil minn vetturi bil-mutur fil-kategorija N<sub>1</sub> (ĠU L 49, 19.2.2004, p. 36).

- (21) Sabiex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-vetturi, id-Direttiva 2005/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi u partikulati minn magni li jaħdmu b'compression ignition għall-użu f'vetturi, u l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi minn magni b'positive ignition li jaħdmu bil-gass naturali jew bil-gass likwidu tal-petroljum għall-użu f'vetturi <sup>1</sup> għandhom jiġu emendati b'tali mod li jkopru l-vetturi heavy-duty kollha, sabiex ikun magħmul ċar li dan ir-Regolament jikkonċerna l-vetturi light-duty.
- (22) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel mid-Direttivi eżistenti għal dan ir-Regolament, l-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament għandha tiġi ddifferita għal ċertu perjodu wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Madanakollu, matul dak il-perjodu l-manifatturi għandhom ikunu jistgħu jagħżlu li jkollhom il-vetturi approvati jew taħt id-Direttivi preżenti jew taħt dan ir-Regolament. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet dwar l-inċentivi finanzjarji għandhom japplikaw immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-validità ta' l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija taħt id-Direttivi eżistenti m'hijiex affettwata mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (23) Biex tiġi żgurata tranżizzjoni mingħajr problemi mid-Direttivi li jeżistu bħalissa għal dan ir-Regolament għandhom jiġu previsti ċerti eċċezzjonijiet fl-istadju Euro 5 għal vetturi magħmula apposta biex iwettqu ħtiġijiet soċjali speċifiċi. Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom jitwaqqfu meta jibda jseħħ l-istadju Euro 6.

---

<sup>1</sup> ĠU L 275, 20.10.2005, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/51/KE (ĠU L 152, 7.6.2006, p. 1).

- (24) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni
- (25) B'mod partikolari għandha tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tintroduċi fl-Anness I valuri ta' limitu ta' partikulati fuq bażi ta' numri, kif ukoll biex tikkalibra mill-ġdid il-valuri ta' limitu mniżżla f'dak l-Anness ibbażati fuq il-massa ta' partikulati. Peress li daww il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (26) B'mod partikolari l-Kummissjoni għandha tingħata wkoll is-setgħa biex tistabbilixxi proċeduri speċifiċi, testijiet u rekwiżiti dwar l-approvazzjoni tat-tip, kif ukoll proċedura riveduta għall-kejl ta' materjal f'partikuli u valur ta' limitu tan-numru ta' partikuli, u biex tadotta miżuri dwar l-użu ta' tagħmir għar-riduzzjoni tal-kontroll, l-aċċess għall-informazzjoni dwar tiswija u manutenzjoni tal-vetturi u ċ-ċikli ta' testijiet użati biex jitkejlu l-emissjonijiet. Peress li daww il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla bħala suppliment għal dan ir-Regolament biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

- (27) Peress illi l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri r-realizzazzjoni tas-suq intern permezz ta' l-introduzzjoni ta' rekwiżiti tekniċi komuni rigward l-emissjonijiet minn vetturi bil-mutur u l-aċċess iggarantit għall-informazzjoni dwar tiswija u manutenzjoni ta' vetturi għal operaturi indipendenti fuq l-istess bażi bħall-bejjieġha awtorizzati u min isewwi, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu għaldaqstant jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I

## Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

### *Artikolu 1*

#### *Suġġett*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi komuni għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur ("vetturi") u 'spare parts' bħal ma hu tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis fir-rigward ta' l-emissjonijiet tagħhom.
2. Barra minn hekk, dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli tal-konformità waqt s-servizz, perjodu ta' servizz tat-tagħmir kontra t-tniġġis, sistemi ta' dijanjostika fil-vettura (on-board diagnostic systems (OBD), kejl tal-konsum tal-fjuwil u aċċessibbiltà għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura.

### *Artikolu 2*

#### *Kamp ta' applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal vetturi tal-kategoriji M<sub>1</sub>, M<sub>2</sub>, N<sub>1</sub>, u N<sub>2</sub> kif definiti fl-Anness II tad-Direttiva 70/156/KEE b'massa ra' referenza ta' mhux aktar minn 2 610 kg.

2. Fuq talba tal-manifattur, l-approvazzjoni tat-tip mogħtija taħt dan ir-Regolament tista' tiġi estiża minn vetturi li jaqgħu taħt paragrafu 1 għall-vetturi  $M_1$ ,  $M_2$ ,  $N_1$  u  $N_2$  kif speċifikat fl-Anness II tad-Direttiva 70/156/KEE b'massa ta' referenza li ma taqbiżx 2 840 kg u li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

### *Artikolu 3*

#### *Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' l-implimentazzjoni tiegħu japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- 1) “vettura *hybrid*” tfisser vettura b'minn ta' lanqas żewġ konvertituri ta' l-enerġija differenti u żewġ sistemi ta' ħżin ta' enerġija differenti (fil-vettura) għall-fini tal-propulsjoni tal-vettura;
- 2) “vetturi magħmula apposta biex iwettqu ħtiġijiet soċjali speċifiċi” tfisser vetturi diesel tal-kategorija  $M_1$  li huma jew:
  - (a) vetturi għal skopijiet speċjali kif definiti fid-Direttiva 70/156/KEE b'massa ta' referenza li taqbeż 2 000 kg;

- (b) vetturi b'massa ta' referenza li taqbeż 2 000 kg u magħmulin apposta biex iġorru 7 persuni jew aktar inkluż is-sewwieq bl-esklużjoni, mill-1 ta' Settembru 2012, ta' vetturi tal-kategorija M<sub>1</sub>G kif definit fid-Direttiva 70/156/KEE; jew
- (ċ) vetturi b'massa ta' referenza li taqbeż 1 760kg mibnija speċifikatament għal skopijiet kummerċjali sabiex jakkomodaw l-użu tas-siġġijiet tar-roti fil-vettura;
- 3) “massa ta’ referenza” tfisser il-massa tal-vettura li taħdem sew imnaqqsa bil-massa uniformi ta’ sewwieq ta’ 75 kg u miżjuda b’massa uniformi ta’ 100 kg;
- 4) “inkwinanti gassużi” jfissru emissjonijiet ta’ gass ta’ l-exhaust bħala monossidu tal-karbonju, ossidi tan-nitroġenu, espressi f’ekwivalenti ta’ diossidu tan-nitroġenu (NO<sub>2</sub>), u **idrokarburi**;
- 5) “inkwinanti f’partikulati” jfissru komponenti tal-gass ta’ l-exhaust li jitneħħew minn gass ta’ l-exhaust dilwit f’temperatura massima ta’ 325 K (52°C) permezz ta’ filtri deskritti fil-proċedura ta’ ttestjar għall-verifika ta’ l-emissjonijiet mit-tailpipe;
- 6) “emissjonijiet mit-tailpipe” ifissru emissjonijiet ta’ inkwinanti gassużi u f’partikuli;
- 7) “emissjonijiet evaporattivi” ifissru evaporazzjonijiet ta’ idrokarburi li joħorġu mis-sistema tal-karburant tal-vettura għajr dawk minn emissjonijiet mit-tailpipe;
- 8) “crankcase” ifisser l-ispazji ġo, jew barra, il-magna li huma mqabbdin mat-tank taż-żejt b’kanali interni jew esterni li minnhom jistgħu joħorġu l-gassijiet u l-fwar;

- 9) “sistema ta’ dijanjostika fil-vettura” jew “sistema OBD” tfisser sistema għall-kontroll ta’ l-emissjonijiet li għandha l-kapaċità li tidentifika ż-żona fejn x’aktarx hemm funzjonament ħażin permezz ta’ kodiċijiet ta’ ħsarat maħżuna fil-memorja ta’ kompjuter;
- 10) “tagħmir ta’ riduzzjoni” jfisser kull element tad-disinn li jħoss it-temperatura, il-veloċità tal-vettura, id-dawrien tal-magna (RPM), it-*transmission gear*, il-vakwu fil-manifold jew parametru ieħor bl-iskop li jattiva, jimmodula, jittardja jew iwaqqaf il-funzjonament ta’ xi parti mis-sistema ta’ kontroll ta’ l-emissjonijiet, li tnaqqas l-effettività tas-sistema ta’ kontroll ta’ l-emissjonijiet taħt kondizzjonijiet li wieħed raġonevolment jistenna li jiltaqa’ magħhom waqt it-tħaddim u l-użu normali ta’ vettura;
- (11) “tagħmir ***għall-kontroll tat-tniġġis***” tfisser dawk il-komponenti ta’ vettura li jikkontrollaw u/jew jillimitaw l-emissjonijiet mit-tailpipe jew evaporattivi;
- 12) “tagħmir oriġinali għall-kontroll tat-tniġġis” tfisser tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis jew assemblaġġ ta’ tagħmir ta’ dan it-tip koperti bl-approvazzjoni tat-tip mogħtija għall-vettura konċernata;
- 13) “tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis” tfisser tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis jew assemblaġġ ta’ tagħmir ta’ dan it-tip maħsuba biex jissostitwixxu tagħmir oriġinali għall-kontroll tat-tniġġis u li jistgħu jiġu approvati bħala unità teknika separata kif speċifikat fid-Direttiva 70/156/KEE;

- 14) “informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura” tfisser kull informazzjoni meħtieġa għad-dijanjosi, il-manutenzjoni, l-ispezzjoni, il-monitoraġġ perijodiku, it-tiswija, l-ipprogrammar mill-ġdid jew l-inizjalizzazzjoni mill-ġdid tal-vettura u li l-manifattur jipprovdi lill-bejjieġha awtorizzati u min isewwi, inklużi kull emendi u supplimenti li jiġu wara tali informazzjoni. Din l-informazzjoni tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex vettura tiġi mġhamra b'partijiet jew tagħmir;
- 15) “operatur indipendenti” *tfisser* impriżi għajr bejjieġha awtorizzati u min isewwi li huma direttament jew indirettament involuti fit-tiswija u l-manutenzjoni ta' vetturi bil-mutur, b'mod partikolari min isewwi, manifatturi jew distributuri ta' tagħmir tat-tiswija, għodda jew spare parts, pubblikaturi ta' informazzjoni teknika, assoċjazzjonijiet tal-karozzi, operaturi ta' l-assistenza fit-triq, operaturi li joffru servizzi ta' spezzjoni u ttestjar, operaturi li joffru t-taħriġ lil min jinstalla, jimmanifattura u jsewwi t-tagħmir għal vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv;
- 16) “bijofjuwils” tfisser fjuwils f'forma ta' likwidu jew ta' gass għat-trasport prodott mill-bijomassa;
- 17) “vettura li taħdem bi fjuwil alternattiv” tfisser vettura ddisinjata biex tkun kapaċi taħdem b'għall-inqas tip wieħed ta' fjuwil li jew ikun fil-forma ta' gass f'temperatura u pressjoni atmosferiċi, jew sustanzjalment derivat minn żejt li mhux minerali.

## **KAPITOLU II**

### **Obbligi ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-manifatturi**

#### *Artikolu 4*

#### *Obbligi tal-manifatturi*

1. Il-manifatturi għandhom juru li l-vetturi ġodda kollha mibjugħa, reġistrati jew mqiegħda fis-servizz fil-Komunità għandhom l-approvazzjoni tat-tip skond dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu. Il-manifatturi għandhom juru wkoll li t-tagħmir ġdid, użat biex jibdel tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis, kollu li jeħtieġ approvazzjoni tat-tip li jinbiegħ jew li jitqiegħed fis-servizz fil-Komunità għandu l-approvazzjoni tat-tip skond dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.  
  
Dawn l-obbligi jinkludu r-rispett tal-limiti ta' emissjoni stabbiliti fl-Anness I u l-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 5.
2. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' l-approvazzjoni tat-tip għall-verifika tal-konformità fil-produzzjoni, il-perjodu tas-servizz tat-tagħmir tal-kontroll tat-tniġġis u l-konformità waqt is-servizz jiġu rispettati.

Barra minn hekk, il-miżuri tekniċi meħuda mill-manifattur jridu jkunu tali li jiġi żgurat li l-emissjonijiet mit-tailpipe jew evaporattivi huma effettivament limitati, skond dan ir-Regolament, tul il-ħajja normali tal-vettura li tintuża f'kundizzjonijiet normali. Għalhekk, miżuri ta' konformità waqt is-servizz għandhom jiġu verifikati sa perijodu ta' ħames snin jew 100 000 km, liema minnhom jasal l-ewwel. L-ittestjar tal-perjodu tas-servizz tat-tagħmir tal-kontroll tat-tniġġis imressaq għall-approvazzjoni tat-tip għandu jkopri 160 000 km. Biex jikkonformaw ma' dan it-test tal-perjodu tas-servizz, il-manifatturi għandu jkollhom il-possibilità li jużaw testijiet ta' riproduzzjoni, f'laboratorju tal-kundizzjonijiet ta' użu ("test bench ageing"), suġġett għall-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.

Il-konformità waqt is-servizz għandha tkun ikkontrollata b'mod partikulari għall-emissjonijiet mit-tailpipe kif ittestjati mal-limiti ta' emissjoni stabbiliti fl-Anness I. Sabiex jitjieb il-kontroll ta' l-emissjonijiet evaporattivi u l-emissjonijiet f'temperatura ambjentali baxxa, il-proċeduri ta' ttestjar għandhom ikunu riveduti mill-Kummissjoni.

3. Il-manifatturi għandhom jifformulaw ċifri ta' emissjonijiet ta' diġossidu tal-karbonju u ta' konsum tal-karburant f'dokument mogħti lix-xerrej tal-vettura fil-ħin tax-xiri.
4. Il-proċeduri speċifiċi u r-rekwiżiti għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 2 u 3 għandhom ikunu stabbiliti f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(2).

*Artikolu 5*  
*Rekwiżiti u testijiet*

1. Il-manifattur għandu jattrezza l-vetturi b'mod li l-komponenti li jistgħu jaffettwaw l-emissjonijiet jiġu ddisinjati, mibnija u assemblati bil-għan li jippermettu li l-vettura, fl-użu normali, tikkonforma ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.
2. L-użu ta' tagħmir ta' riduzzjoni li jnaqqas l-effettività tas-sistemi tal-kontroll ta' l-emissjonijiet għandu jiġi pprojbit. Il-projbizzjoni m' għandiex tapplika fejn:
  - (a) il-bżonn tat-tagħmir huwa ġustifikat għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-magna mill-ħsara jew inċidenti u għat-tħaddim fis-sigurtà tal-vettura;
  - (b) it-tagħmir ma jaħdimx għajr għall-ħtiġijiet ta' l-istartjar tal-magna; jew
  - (ċ) il-kondizzjonijiet huma sostanzjalment inklużi fil-proċeduri tal-verifika ta' l-emissjonijiet evaporattivi u l-medja ta' l-emissjonijiet mit-*tailpipe*.

3. Il-proċeduri speċifiċi, it-testijiet u r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip stipulati f'dan il-paragrafu, kif ukoll ir-rekwiżiti għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 2, li huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 15(3). Dan għandu jinkludi l-istabbiliment tar-rekwiżiti fir-rigward ta':
- (a) l-emissjonijiet mit-*tailpipe*, inklużi ċ-ċikli ta' test, l-emissjonijiet f'temperatura ambjentali baxxa, waqt modalità ta' *idling*, l-opaċità tad-duħħan u l-funzjonament korrett u r-riġenerazzjoni ta' sistemi ta' *after-treatment*;
  - (b) l-emissjonijiet evaporattivi u l-emissjonijiet mill-*crankcase*;
  - (c) is-sistemi ta' OBD u l-prestazzjoni waqt l-użu tat-tagħmir tal-kontroll tat-tniġġis;
  - (d) il-perjodu ta' servizz tat-tagħmir kontra t-tniġġis, tagħmir tal-kontroll tat-tniġġis tal-bdil, konformità waqt s-servizz, konformità tal-produzzjoni u tal-kondizzjoni tajba għat-triq;
  - (e) kejl tal-gass bl-effett serra, l-emissjonijiet u l-konsum tal-karburant;
  - (f) il-vetturi *hybrid* u vetturi ta' fjuwil alternattiv;
  - (g) l-estensjoni ta' l-approvazzjonijiet tat-tip u r-rekwiżiti għal manifatturi ta' volum baxx;
  - (h) ir-rekwiżiti għat-tagħmir tat-testijiet; u
  - (i) il-karburanti ta' referenza, bħall-petrol, *diesel*, karburanti gassużi u bijokarburanti, bħal bjoetanol, bijodiżil u bijogass.

Ir-rekwiżiti ta' hawn fuq għandhom, fejn meħtieġ, japplikaw għal vetturi kollha mingħajr ma jitqies it-tip ta' fjuwil li huma jużaw.

## **KAPITOLU III**

### **Aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura**

#### *Artikolu 6*

#### *Obbligi tal-manifatturi*

1. Il-manifatturi għandhom jipprovdu aċċess mingħajr restrizzjonijiet u standardizzat għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura lill-operaturi indipendenti permezz ta' websajts permezz ta' format standardizzat b'mod faċilment aċċessibbli u malajr, u b'mod li ma jkunx diskriminatorju meta pparagunat mad-dispożizzjoni mogħtija jew ma' l-aċċess mogħti lil bejjieġha u lil min isewwi awtorizzati. Bil-ħsieb li tiffaċilita l-kisba ta' dan l-oġettiv, l-informazzjoni għandha titressaq b'mod konsistenti, fil-bidu bi qbil mar-rekwiżiti tekniċi tal-format OASIS<sup>1</sup>. Il-produtturi għandhom jipprovdu wkoll materjal ta' taħriġ lill-operaturi indipendenti u lill-negozjanti awtorizzati u lil min isewwi.

---

<sup>1</sup> Il-'format OASIS' jirreferi għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tad-Dokument OASIS SC2-D5, Format ta' Informazzjoni ta' Tiswija ta' Vetturi, verżjoni 1.0, 28 ta' Mejju 2003 (disponibbli hawn: <http://www.oasis-open.org/committees/download.php/2412/Draft%20Committee%20Specification.pdf>) u ta' Taqsimiet 3.2, 3.5, 3.6, 3.7 u 3.8 tad-Dokument OASIS SC1-D2, Autorepair Requirements Specification, version 6.1, dated 10-01-2003 (disponibbli hawn: <http://lists.oasis-open.org/archives/autorepair/200302/pdf00005.pdf>), li jużaw kliem miftuħ biss u formati grafiċi.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:
- (a) l-identifikazzjoni mingħajr ekwivoku tal-vettura;
  - (b) il-manwali tal-manutenzjoni;
  - (ċ) il-manwali tekniċi;
  - (d) l-informazzjoni dwar il-komponenti u d-dijanżosi (bħal valuri teoretiċi minimi u massimi ta' kejl);
  - (e) il-pjanti tal-wiring;
  - (f) il-kodiċijiet tad-dijanżostika tal-ħsarat (inklużi kodiċijiet speċifiċi tal-manifattur);
  - (g) in-numru ta' l-identifikazzjoni għall-kalibrazzjoni tas-*software* applikabbli għat-tip ta' vettura;
  - (h) l-informazzjoni pprovduta li tikkonċerna, u tkun twasslet permezz ta' għodda u tagħmir ta' sjieda; u
  - (i) l-informazzjoni tar-reġistrazzjoni tad-*data* u d-*data* bi-direzzjonali ta' monitoraġġ u ttestjar.
3. Bejjiegħa u min isewwi awtorizzati fi ħdan is-sistema tad-distribuzzjoni ta' xi vettura partikolari għandhom jitqiesu bħala operatori indipendenti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament safejn huma jipprovdu servizzi ta' tiswija jew manutenzjoni ta' vetturi li fir-rigward tagħhom m'humiex imsieħba fis-sistema ta' distribuzzjoni tal-manifattur tal-vettura.

4. L-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għandha tkun dejjem disponibbli, ħlief kif meħtieġ għall-manutenzjoni tas-sistema ta' informazzjoni.
5. Għal skopijiet ta' manifattura u manutenzjoni ta' partijiet għall-bdil jew għall-manutenzjoni kompatibbli ma' l-OBD u għodda għad-dijanostika u tagħmir tat-testijiet, il-manifatturi għandhom jipprovdu l-OBD relevanti kif ukoll l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura fuq bażi mhux diskriminatorja lil daww interessati fost il-manifatturi ta', jew min isewwi komponenti, għodda għad-dijanostika jew tagħmir tat-testijiet.
6. Għall-iskopijiet tat-tfassil u l-manifattura ta' tagħmir ta' vetturi għal vetturi bi fjuwil alternattiv, il-produtturi għandhom jipprovdu l-OBD relevanti kif ukoll l-informazzjoni ta' tiswija u ta' manutenzjoni tal-vettura fuq bażi mhix diskriminatorja għal kwalunkwe produttur interessat, għal min jinstalla jew għal min isewwi t-tagħmir ta' vetturi bi fjuwil alternattiv.
7. Meta japplika għall-approvazzjoni tat-tip KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali, il-manifattur għandu jipprovdi evidenza dwar il-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament fir-rigward ta' l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura u ta' l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 lill-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip.

F'każ li din l-informazzjoni tkun *għadha* mhix disponibbli jew tkun għadha ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu f'dak il-waqt, il-manifattur għandu jipprovdiha fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-approvazzjoni tat-tip. Jekk tali evidenza ta' konformità ma tiġix ipprovduta sa tmiem dak il-perjodu, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tiżgura l-konformità.

Il-manifattur għandu jagħmel l-emendi u s-supplimenti sussegwenti ta' l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura disponibbli fil-websajts tiegħu fl-istess waqt li jagħmilhom disponibbli għal dawk awtorizzati li jsewwu.

#### *Artikolu 7*

##### *Ħlasijiet mitluba għal aċċess għall-informazzjoni dwar tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura*

1. Il-manifatturi jistgħu jitolbu ħlasijiet raġonevoli u proporzjonati għal aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura koperta minn dan ir-Regolament; ħlas mitlub ma jkunx raġonevoli jew proporzjonat jekk jiskoraġġixxi l-aċċess billi jonqos milli jikkunsidra l-ammont ta' użu li operatur indipendenti jkun se jagħmel minnha.
2. Il-manifatturi għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura disponibbli fuq bażi ta' kuljum, kull xahar u ta' kull sena, u l-ħlasijiet mitluba għandhom ivarjaw skond il-perjodu ta' żmien relattiv ta' aċċess mogħti.

#### *Artikolu 8*

##### *Miżuri ta' implimentazzjoni*

Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 6 u l-Artikolu 7, li huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom ikunu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 15(3). Dan għandu jinkludi d-definizzjoni u l-aġġornament ta' speċifikazzjonijiet tekniċi konnessi mal-mod ta' kif għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni dwar l-OBd, kif ukoll dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, b'mod li tingħata attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' l- SMEs.

## *Artikolu 9*

### *Rapport*

Mhux aktar tard minn ...\*, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar it-tħaddim tas-sistema ta' aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, b'kunsiderazzjoni partikulari għall-effett fuq il-kompetizzjoni u t-tħaddim tas-suq intern u l-benefiċċji ambjentali. Ir-rapport għandu jkoll ukoll jekk ikunx xieraq li jiġu kkonsolidati d-dispożizzjonijiet kollha li jirregolaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi f'direttiva qafas riveduta dwar l-approvazzjoni tat-tip.

## **KAPITOLU IV**

### **Obbligi ta' l-Istati Membri**

## *Artikolu 10*

### *Approvazzjoni tat-tip*

1. B'effett minn ...\*\*, jekk manifattur hekk jitlob, l-awtoritajiet nazzjonali m'għandhomx, għal raġunijiet relatati ma' l-emissjonijiet jew *mal*-konsum ta' karburant minn vetturi, jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal tip ġdid ta' vettura, jew jipprojbixxu ir-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz tal-vettura l-ġdida, fejn il-vettura konċernata tikkonforma ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, u b'mod partikolari mal-valuri ta' limitu ta' l-Euro 5 stipulati fit-Tabella 1 ta' l-Anness I jew mal-valuri tal-limitu ta' l-Euro 6 stipulati fit-Tabella 2 ta' l-Anness I.

---

\* Erba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

\*\* Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. B'effett mill-1 ta' Settembru 2009 u mill-1 ta' Settembru 2010 fil-każ ta' vetturi tal-kategorija  $N_1$  klassi II u III u kategorija  $N_2$ , l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, għal raġunijiet relatati ma' l-emissjonijiet jew il-konsum ta' karburant, li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali fir-rigward ta' tipi ġodda ta' vetturi li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, u b'mod partikulari ma' l-Annessi bl-eċċezzjoni tal-valuri ta' limitu ta' l-Euro 6 stabbiliti fit-Tabella 2 ta' l-Anness I. Għat-test dwar l-emissjonijiet ta' l-exhaust, il-valuri ta' limitu applikati għal vetturi maħsuba biex jissodisfaw ħtiġijiet soċjali speċifiċi għandhom ikunu l-istess bħal dawk għal vetturi tal-kategorija  $N_1$  klassi III.
3. B'effett mill-1 ta' Jannar 2011, u mill-1 ta' Jannar 2012 fil-każ ta' vetturi tal-kategorija  $N_1$  klassi II u III, kategorija  $N_2$  u vetturi maħsuba biex jissodisfaw ħtiġijiet soċjali speċifiċi, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta' vetturi ġodda li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, u b'mod partikulari ma' l-Annessi bl-eċċezzjoni tal-valuri ta' limitu ta' l-Euro 6 stipulati fit-Tabella 2 ta' l-Anness I, jikkunsidraw iċ-ċertifikati ta' konformità bħala mhux aktar validi għall-fnijiet ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 70/156/KEE u għandhom, għal raġunijiet relatati ma' l-emissjonijiet jew il-konsum ta' karburant, jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vetturi. Għat-test dwar l-emissjonijiet ta' l-exhaust, il-valuri ta' limitu applikati għal vetturi maħsuba biex jissodisfaw ħtiġijiet soċjali speċifiċi għandhom ikunu l-istess daqs dawk għal vetturi ta' kategorija  $N_1$  klassi III.

4. B'effett mill-1 ta' Settembru 2014, u mill-1 ta' Settembru 2015 fil-każ ta' vetturi tal-kategorija N<sub>1</sub> klassi II u III u kategorija N<sub>2</sub>, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, għal raġunijiet relatati ma' l-emissjonijiet jew mal-konsum tal-fjuwil, li jagħtu approvazzjoni tat-tip KE jew approvazzjoni nazzjonali tat-tip fir-rigward ta' tipi ġodda ta' vetturi li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, u b'mod partikulari mal-valuri ta' limitu ta' l-Euro 6 stipulati fit-Tabella 2 ta' l-Anness I.
5. B'effett mill-1 ta' Settembru 2015, u mill-1 ta' Settembru 2016 fil-każ ta' vetturi tal-kategorija N<sub>1</sub> klassi II u III u l-kategorija N<sub>2</sub>, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta' vetturi ġodda li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, u b'mod partikulari mal-valuri ta' limitu ta' l-Euro 6 stipulati fit-Tabella 2 ta' l-Anness I, jikkunsidraw iċ-ċertifikati ta' konformità bħala li m'għadhomx aktar validi għall-finijiet ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 70/156/KEE u għandhom, għal raġunijiet relatati ma' l-emissjonijiet jew mal-konsum tal-fjuwil, jiprobixxu r-reġistrazzjoni, l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vetturi.

### *Artikolu 11*

#### *Approvazzjoni tat-tip ta' partijiet tal-bdil*

1. Dwar tagħmir tal-bdil ġdid għall-kontroll tat-tniġġis maħsub biex jitpoġġa fuq vetturi approvati skond dan ir-Regolament, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiprobixxu l-bejgħ jew l-istallazzjoni tiegħu fuq vettura jekk ma tkunx ta' tip li għalih tkun inħarġet approvazzjoni tat-tip konformi ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

2. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jkomplu jagħtu estensjonijiet għal approvazzjonijiet tat-tip KE għal tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis maħsub għall-istandards ta' qabel dan ir-Regolament taħt il-kundizzjonijiet li kienu japplikaw oriġinarjament. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiprobixxu l-bejgħ jew l-istallazzjoni ta' tali tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis fuq vettura sakemm ma jkunx ta' tip li għalih tkun ħarġet approvazzjoni tat-tip rilevanti.
3. Tagħmir tal-bdil għall-kontroll tat-tniġġis maħsub biex jitpogħa fuq vettura bl-approvazzjoni tat-tip qabel l-adozzjoni tar-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip ta' komponent huwa eżentat mir-rekwiżiti tal-paragrafi 1 u 2.

## *Artikolu 12*

### *Inċentivi finanzjarji*

1. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu dispożizzjonijiet għal inċentivi finanzjarji li japplikaw għal vetturi prodotti f'serje li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

Dawk l-inċentivi għandhom ikunu validi għall-vetturi ġodda kollha offruti għall-bejgħ fis-suq ta' Stat Membru li jikkonformaw għall-inqas mal-valuri ta' limitu għall-emissjonijiet fit-Tabella 1 ta' l-Anness I qabel id-dati stabbiliti fl-Artikolu 10(3); dawn l-inċentivi għandhom jieqfu fid-dati stabbiliti fl-Artikolu 10(3).

Inċentivi finanzjarji li japplikaw esklussivament għal vetturi li jikkonformaw mal-valuri ta' limitu għall-emissjonijiet fit-Tabella 2 ta' l-Anness I jistgħu jingħataw għal tali vetturi ġodda offruti għall-bejgħ fis-suq ta' Stat Membru mid-dati ffissati fl-Artikolu 10(3) qabel id-dati stabbiliti fl-Artikolu 10(5); dawn l-inċentivi għandhom jieqfu f' dawk id-dati .

2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu inċentivi finanzjarji għall-attrezzar b'lura ta' vetturi diġà fl-użu u għal skrappjar ta' vetturi li ma jikkonformawx.
3. L-inċentivi finanzjarji msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom, għal kull tip ta' vettura, m'għandhomx jaqbżu n-nefqa addizzjonali għat-tagħmir tekniku introdott biex jiżgura l-konformità mal-limiti ta' emissjoni speċifikati fl-Anness I, inkluża n-nefqa ta' l-istallazzjoni fuq il-vettura.
4. Il-Kummissjoni għandha tkun infurmata fi żmien li jkun kmieni biżżejjed bi pjanijiet ta' stabbiliment jew ta' tibdil fl-inċentivi finanzjarji msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

### *Artikolu 13*

#### *Penalitajiet*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur mill-manifatturi tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penalitajiet pprovduti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa ... \* u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti magħmula li taffettwawhom.

---

\* Tmintax-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament

2. It-tipi ta' ksur li huma suġġetti għal penali għandhom jinkludu:
- (a) li wieħed jagħmel dikjarazzjonijiet foloz waqt il-proċeduri ta' l-approvazzjoni jew waqt proċeduri li jwasslu għat-tehdid lura;
  - (b) il-falsifikazzjoni tar-riżultati tat-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip jew tal-konformità waqt s-servizz;
  - (ċ) li wieħed iżomm għalih data jew speċifikazzjonijiet tekniċi li jistgħu jwasslu biex tittieħed lura jew titneħħa approvazzjoni tat-tip;
  - (d) l-użu ta' tagħmir difettuż; u
  - (e) li wieħed jirrifjuta li jipprovdi aċċess għall-informazzjoni.

## **KAPITOLU V**

### **Dispożizzjonijiet finali**

#### *Artikolu 14*

#### *Definizzjoni mill-ġdid ta' l-ispeċifikazzjonijiet*

1. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-inklużjoni ta' emissjonijiet tal-metanu fil-kalkolu ta' l-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'miżuri biex jingħata kont għall-emissjonijiet tal-metanu jew biex jiġu limitati.

2. Wara t-tlestija tal-programm tal-kejl tal-partikulati tan-NU/ECE, imwettaq taħt l-awspiċi tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi, u mhux aktar tard mid-dħul fis-seħħ tal-Euro 6, il-Kummissjoni għandha tadotta dawn il-miżuri li ġejjin, li huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia, billi jkun issupplimentat mingħajr ma jitnaqqas il-livell ta' ambizzjoni eżistenti rigward l-ambjent:
- (a) l-emendar ta' dan ir-Regolament skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 15(3) għall-fini ta' kkalibrar mill-ġdid tal-valuri ta' limitu ta' partikulati bbażati fuq il-massa stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament, u tintroduċi valuri ta' limitu ta' partikuli bbażati fuq numri sabiex jikkorrelataw bejn wieħed u ieħor mal-valuri tal-massa tal-limiti għall-petrol u d-*diesel*;
  - (b) adozzjoni ta' proċedura ta' kejl rivedut għall-partikulati u l-valur ta' limitu ta' partikulati f'numri, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 15(3).
3. Il-Kummissjoni għandha tibqa' tirrevedi l-proċeduri, t-testijiet u r-rekwiżiti msemija fl-Artikolu 5(3) kif ukoll iċ-ċikli ta' ttestjar użati biex jitkejjlu l-emissjonijiet. Jekk mir-reviżjoni jirriżulta li dawn m'għadhomx xierqa jew ma jirriflettux aktar is-sitwazzjoni reali ta' l-emissjonijiet, għandhom ikunu adattati b'tali mod li jirriflettu b'mod xieraq l-emissjonijiet iġġenerati mis-sewqan attwali fit-toroq. Il-miżuri meħtieġa mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 15(3).

4. Il-Kummissjoni għandha tibqa' tirrevedi l-inkwinanti suġġetti għar-rekwiżiti tat-testijiet msemija fl-Artikolu 5(3). Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li huwa xieraq li l-emissjonijiet ta' inkwinanti addizzjonali jkunu regolati, għandha tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex dan ir-Regolament ikun emendat kif xieraq.
5. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-limiti ta' emissjonijiet stipulati fl-Anness I Tabella 4 għall-emissjonijiet mill-vetturi ta' monossidu tal-karbonju u ta' idrokarburi wara li jsir test ta' startjar b'magna kiesħa u għandha tippreżenta, kif xieraq, proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-għan li tbaxxi l-limiti ta' l-emissjonijiet.
6. L-Annessi rilevanti tad-Direttiva 2005/55/KE għandhom ikunu emendati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 15(3) sabiex ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi kollha jkunu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

#### *Artikolu 15*

##### *Proċedura fil-Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn Kumitat.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.  
  
Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.
3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

### *Artikolu 16*

#### *Emendi għad-Direttivi 70/156/KEE u 2005/55/KE*

1. Id-Direttiva 70/156/KEE għandha tiġi emendata skond l-Anness II ta' dan ir-Regolament.
2. Id-Direttiva 2005/55/KE hija b' dan emendata kif ġej:
  - (a) It-titolu għandu jinbidel bit-test li ġej:

“Id-Direttiva 2005/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi kbar u ta' magni f'dak li jirrigwarda l-emmissjonijiet tagħhom (Euro IV u V)”

- (b) L-Artikolu 1 għandu jinbidel bit-test li ġej:

“Artikolu 1

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “vettura” tfisser kull vettura bil-mutur kif definita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE b'massa ta' referenza li taqbeż 2 610 kilo;
  - (b) “magna” tfisser l-għajn tal-propulsjoni ta' qawwa mekkanika ta' vettura għal liema tista' tingħata approvazzjoni tat-tip bħala entità separata, kif definita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE;
  - (c) “vetturi mtejba li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent (EEV)” tfisser vetturi li jaħdmu b'magna li tikkonforma mal-valuri ta' limitu ta' l-emissjonijiet permessi stabbiliti fir-ringiela Ċ tat-tabelli f'Taqsim 6.2.1 ta' l-Anness I.”;
- (c) It-Taqsim 1 ta' l-Anness 1 għandha tinbidel bit-test li ġej:

“1. Din id-Direttiva tapplika għall-kontroll ta' sustanzi ta' gass u materjali fpartikulati li jniġġsu, il-ħajja utli ta' apparati li jikkontrollaw l-emissjonijiet, il-konformità ta' vetturi/magni li qed jintużaw bħalissa u ta' sistemi ta' dijanjosi fil-vettura (OBD) tal-vetturi motorizzati kollha, u għall-magni kif speċifikat fl-Artikolu 1, bl-eċċezzjoni ta' dawk il-vetturi tal-kategorija M<sub>1</sub>, N<sub>1</sub>, N<sub>2</sub> and M<sub>2</sub> li għalihom ingħatat l-approvazzjoni tat-tip taħt ir-Regolament (KE) Nru.../...<sup>+</sup>.”

---

<sup>+</sup> ĠU: Daħħal it-titolu u n-numru ta' dan ir-Regolament.

## *Artikolu 17*

### *Tħassir*

1. Id-Direttivi li ġejjin għandhom jitħassru b'effett minn ...<sup>\*</sup>

- Direttiva 70/220/KEE,
- Direttiva 72/306/KEE,
- Direttiva 74/290/KEE,
- Direttiva 77/102/KEE,
- Direttiva 78/665/KEE,
- Direttiva 80/1268/KEE,
- Direttiva 83/351/KEE,
- Direttiva 88/76/KEE,
- Direttiva 88/436/KEE,
- Direttiva 89/458/KEE,
- Direttiva 91/441/KEE,
- Direttiva 93/59/KEE,
- Direttiva 93/116/KE,
- Direttiva 94/12/KE,

---

<sup>\*</sup> 66 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

- Direttiva 96/44/KE,
- Direttiva 96/69/KE,
- Direttiva 98/69/KE,
- Direttiva 98/77/KE,
- Direttiva 1999/100/KE,
- Direttiva 1999/102/KE,
- Direttiva 2001/1/KE,
- Direttiva 2001/100/KE,
- Direttiva 2002/80/KE,
- Direttiva 2003/76/KE,
- Direttiva 2004/3/KE,

2. L-Annessi II u V tad-Direttiva tal-Kummissjoni 89/491/KEE tas-17 ta' Lulju 1989 li tadatta għall-progress tekniku d-Direttivi tal-Kunsill 70/157/KEE, 70/220/KEE, 72/245/KEE, 72/306/KEE, 80/1268/KEE u 80/1269/KEE rigward il-vetturi bil-mutur<sup>1</sup> huma mħassra b'effett minn ...<sup>\*</sup>.
3. Ir-referenzi magħmula għal Direttivi mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

---

<sup>1</sup> ĠU L 238, 15.8.1989, p. 43.

<sup>\*</sup> 66 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

4. L-Istati Membri għandhom jirrevokaw il-leġiżlazzjoni ta' l-implimentazzjoni tagħhom adottata taħt id-Direttivi msemmija fil-paragrafu 1 b'effett minn ...<sup>\*</sup>.

*Artikolu 18*

*Dħul fis-seħħ*

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.
2. Dan ir-Regolament għandu japplika minn ...<sup>\*</sup>, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 10(1) u 12 li għandhom japplikaw minn ...<sup>\*\*</sup>.
3. L-emendi jew il-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3) u fl-Artikolu 14(6) għandhom jiġu adottati sa ...<sup>\*\*\*</sup>.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>\*</sup> 18-il xahar u ġurnata wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

<sup>\*</sup> 18-il xahar u ġurnata wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

<sup>\*\*</sup> Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

<sup>\*\*\*</sup> 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

## ANNESS I

ANNESS I – Limiti ta' emissjoni

ANNESS II – Emendi għad-Direttiva *70/156/KE*

## ANNEX I

### Limiti ta' emissjoni

Tabella 1: Limiti ta' Emissjoni Euro 5

|                |        | Massa ta' Referenza (RM) (kg) | Valuri ta' Limitu                     |     |                                    |    |                                                  |    |                                                   |     |                                                                                 |     |                          |     |                                        |    |
|----------------|--------|-------------------------------|---------------------------------------|-----|------------------------------------|----|--------------------------------------------------|----|---------------------------------------------------|-----|---------------------------------------------------------------------------------|-----|--------------------------|-----|----------------------------------------|----|
|                |        |                               | Massa ta' Monossidu tal-Karbonju (CO) |     | Massa ta' idrokarburi totali (THC) |    | Massa ta' idrokarburi li mhux mill-metanu (NMHC) |    | Massa ta' ossidi tan-nitroġenu (NO <sub>x</sub> ) |     | Massa kombinata ta' idrokarburi u ossidi tan-nitroġenu (THC + NO <sub>x</sub> ) |     | Massa ta' partikuli (PM) |     | Numru ta' partikuli <sup>(1)</sup> (P) |    |
|                |        |                               | L <sub>1</sub> (mg/km)                |     | L <sub>2</sub> (mg/km)             |    | L <sub>3</sub> (mg/km)                           |    | L <sub>4</sub> (mg/km)                            |     | L <sub>2</sub> + L <sub>4</sub> (mg/km)                                         |     | L <sub>5</sub> (mg/km)   |     | L <sub>6</sub> (#/km)                  |    |
| Kategorija     | Klassi |                               | PI                                    | CI  | PI                                 | CI | PI                                               | CI | PI                                                | CI  | PI                                                                              | CI  | PI <sup>(2)</sup>        | CI  | PI                                     | CI |
| M              | —      | Kollha                        | 1000                                  | 500 | 100                                | —  | 68                                               | —  | 60                                                | 180 | —                                                                               | 230 | 5,0                      | 5,0 |                                        |    |
| N <sub>1</sub> | I      | RM ≤ 1305                     | 1000                                  | 500 | 100                                | —  | 68                                               | —  | 60                                                | 180 | —                                                                               | 230 | 5,0                      | 5,0 |                                        |    |
|                | II     | 1305 < RM ≤ 1760              | 1810                                  | 630 | 130                                | —  | 90                                               | —  | 75                                                | 235 | —                                                                               | 295 | 5,0                      | 5,0 |                                        |    |
|                | III    | 1760 < RM                     | 2270                                  | 740 | 160                                | —  | 108                                              | —  | 82                                                | 280 | —                                                                               | 350 | 5,0                      | 5,0 |                                        |    |
| N <sub>2</sub> |        |                               | 2270                                  | 740 | 160                                | —  | 108                                              | —  | 82                                                | 280 | —                                                                               | 350 | 5,0                      | 5,0 |                                        |    |

Qari: PI = Startjar pożittiv (Positive Ignition), CI = Startjar b'kompjessjoni (Compression Ignition)

<sup>(1)</sup> Standard numeriku għandu jiġi definit għal dan l-istadju malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mid-dħul fis-seħħ tan-norma Euro 6.

<sup>(2)</sup> L-istandards dwar il-massa ta' partikulati minn startjar pożittiv japplikaw biss għal vetturi b'magni bl-injezzjoni diretta.

Tabella 2: Limiti ta' Emissjoni Euro 6

|                |        | Massa ta' referenza (RM) (kg) | Valuri ta' limitu                     |     |                                    |    |                                              |    |                                                   |     |                                                                                        |     |                                    |     |                                      |    |
|----------------|--------|-------------------------------|---------------------------------------|-----|------------------------------------|----|----------------------------------------------|----|---------------------------------------------------|-----|----------------------------------------------------------------------------------------|-----|------------------------------------|-----|--------------------------------------|----|
|                |        |                               | Massa ta' monossidu tal-karbonju (CO) |     | Massa ta' idrokarburi totali (THC) |    | Massa ta' idrokarburi mhux tal-metanu (NMHC) |    | Massa ta' ossidi tan-nitroġenu (NO <sub>x</sub> ) |     | Massa kombinata ta' idrokarburi totali u ossidi tan-nitroġenu (THC + NO <sub>x</sub> ) |     | Massa ta' materja f'partikuli (PM) |     | Numru ta' partikuli <sup>2</sup> (P) |    |
|                |        |                               | L <sub>1</sub> (mg/km)                |     | L <sub>2</sub> (mg/km)             |    | L <sub>3</sub> (mg/km)                       |    | L <sub>4</sub> (mg/km)                            |     | L <sub>2</sub> + L <sub>4</sub> (mg/km)                                                |     | L <sub>5</sub> (mg/km)             |     | L <sub>6</sub> (#/km)                |    |
| Kategorija     | Klassi |                               | PI                                    | CI  | PI                                 | CI | PI                                           | CI | PI                                                | CI  | PI                                                                                     | CI  | PI <sup>(2)</sup>                  | CI  | PI                                   | CI |
| M              | —      | Kollha                        | 1000                                  | 500 | 100                                | —  | 68                                           | —  | 60                                                | 80  | —                                                                                      | 170 | 5,0                                | 5,0 |                                      |    |
| N <sub>1</sub> | I      | RM ≤ 1305                     | 1000                                  | 500 | 100                                | —  | 68                                           | —  | 60                                                | 80  | —                                                                                      | 170 | 5,0                                | 5,0 |                                      |    |
|                | II     | 1305 < RM ≤ 1760              | 1810                                  | 630 | 130                                | —  | 90                                           | —  | 75                                                | 105 | —                                                                                      | 195 | 5,0                                | 5,0 |                                      |    |
|                | III    | 1760 < RM                     | 2270                                  | 740 | 160                                | —  | 108                                          | —  | 82                                                | 125 | —                                                                                      | 215 | 5,0                                | 5,0 |                                      |    |
| N <sub>2</sub> |        |                               | 2270                                  | 740 | 160                                | —  | 108                                          | —  | 82                                                | 125 | —                                                                                      | 215 | 5,0                                | 5,0 |                                      |    |

Qari: PI = Startjar pożittiv (Positive Ignition), CI = Startjar b'kompessjoni (Compression Ignition)

<sup>(1)</sup> Standard numeriku jiġi definit għal dan l-istadju.

<sup>(2)</sup> L-istandards dwar il-massa ta' partikuli minn startjar pożittiv japplikaw biss għal vetturi b'magni bl-injezzjoni diretta.

Tabella 3 : Limitu ta' Emissjoni għat-Test ta' Emissjonijiet Evaporattivi

| Massa ta' Emissjoni Evaporattiva (g/test) |
|-------------------------------------------|
| 2,0                                       |

Tabella 4 : Limitu ta' Emissjoni għall-Emmissjonijiet mit-Tailpipe ta' Monossidu tal-Karbonju u Idrokarbonju wara Cold Start Test

| Temperatura waqt it-test 266 K (– 7 °C) |        |                                                            |                                                  |
|-----------------------------------------|--------|------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------|
| Kategorija tal-Vettura                  | Klassi | Massa ta' Monossidu tal-karbonju (CO)L <sub>1</sub> (g/km) | Massa ta' idrokarburi (HC) L <sub>2</sub> (g/km) |
| M                                       | —      | 15                                                         | 1,8                                              |
| N <sub>1</sub>                          | I      | 15                                                         | 1,8                                              |
|                                         | II     | 24                                                         | 2,7                                              |
|                                         | III    | 30                                                         | 3,2                                              |
| N <sub>2</sub>                          |        | 30                                                         | 3,2                                              |

## ANNEX II

Emendi għad-Direttiva 70/156/KE

Id-Direttiva 70/156/KEE hija b' dan emendata kif ġej:

- 1) Fl-Artikolu 2, is-sentenza li ġejja għandha tiżdied wara l-aħħar inċiż:

'Jekk issir referenza f'din id-Direttiva għal Direttiva jew Regolament separat, din għandha tinkludi wkoll l-atti ta' implimentazzjoni tagħhom.'

- 2) Il-kliem “jew Regolament” għandhom jiżdiedu wara l-kliem “Direttiva separata” fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Artikolu 2, l-ewwel inċiż; Artikolu 2, id-disa' inċiż; Artikolu 2, l-għaxar inċiż; Artikolu 2, l-erbatax-il inċiż; Artikolu 3(1); Artikolu 3(4); Artikolu 4(1)(c); Artikolu 4 (1)(d); Artikolu 5(5); Artikolu 6(3); Artikolu 7(2); Artikolu 13(4); Artikolu 13(5); Anness I, l-ewwel subparagrafu; Anness III, Parti III; Anness IV, Parti II, l-ewwel paragrafu; Anness V Taqsma 1(a); Anness V Taqsima 1(b); Anness V Taqsima 1(c); Anness VI, Naħa 2 ta' ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip KE; Anness VII(1), Taqsima 4; Anness VII, nota tal-qiegħ (1); Anness X, Taqsima 2.1.; Anness X, Taqsima 3.3.; Anness XI, Appendiċi 4, Tifsira ta' l-ittri: X; Anness XII, Taqsma B(2); Anness XIV, Taqsima 2(a); Anness XIV, Taqsima 2(c); Anness XIV, Taqsima 2(d).

- 3) Il-kliem “jew Regolamenti” għandhom jiżdiedu wara l-kliem “Direttivi separati” fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Artikolu 2, it-tmien inċiż; Artikolu 3(1); Artikolu 3(2); Artikolu 4(1)(a) l-ewwel u t-tieni inċiż; Artikolu 4(1)(b); Artikolu 4(3); Artikolu 5(4) it-tielet subparagrafu; Artikolu 5(6); Artikolu 8(2); Artikolu 8(2)(c); Artikolu 9(2); Artikolu 10(2); Artikolu 11(1); Artikolu 13(2); Artikolu 14(1) (i); Lista ta' l-Annessi: titolu ta' l-Anness XIII; Anness I l-ewwel subparagrafu; Anness IV, Parti I, l-ewwel u t-tieni linja; Anness IV, Parti II, nota tal-qiegħ (1) għat-tabella; Anness V Taqsma 1(b); Anness V Taqsma 3; Anness V Taqsma 3(a); Anness V Taqsma 3(b); Anness VI, punt 1 u 2; Anness VI, naħa 2 taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip KE; Anness X, Taqsima 2.2.; Anness X, Taqsima 2.3.5.; Anness X, Taqsima 3.5.; Anness XII, titolu; Anness XIV, Taqsima 1.1.; Anness XIV, Taqsima 2(c).

- 4) Il-kliem “jew Regolament” għandhom jiżdiedu wara l-kelma “Direttiva” fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Artikolu 5(3) it-tielet subparagrafu; Anness IV, Parti I, nota tal-qiegħ X għat-tabella; Anness VI, naħa 2 taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip KE l-intestatura tat-tabelli; Anness VII (1), Taqsima 2; Anness VII (1), Taqsima 3; Anness VII (1), Taqsima 4; Anness VIII, Taqsima 1,2,2.1 u 3; Anness IX , naħa 2 ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategoriji M<sub>1</sub> **punti 45,46.1 u 46.2; Anness IX** , naħa 2 ta' ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategoriji M<sub>2</sub> u M<sub>3</sub> **punti 45 u 46.1; Anness IX**, naħa 2 ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategoriji N<sub>1</sub>, N<sub>2</sub> u N<sub>3</sub> punti 45 u 46.1; Anness IX, naħa 2 ta' ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategorija M<sub>1</sub> punt 45 u 46.1; Anness IX, naħa 2 ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategoriji M<sub>2</sub> u M<sub>3</sub>, punti 45 u 46.1; Anness IX, naħa 2 ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategoriji N<sub>1</sub>, N<sub>2</sub> u N<sub>3</sub> punt 45 u 46.1; Anness X, nota tal-qiegħ 2; Anness X, Taqsima 1.2.2; Anness XI, Appendiċi 4, tabella, intestatura tat-tielet kolonna; Anness XI, Appendiċi 4, Tifsira ta' l-ittri: N/A; Anness XV, l-intestaturi tat-tabelli;

Il-kliem “jew Regolament” għandhom jiżdiedu wara l-kelma “Direttiva” fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Anness IX, naħa 2 ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategorija M<sub>1</sub>; Anness IX, , naħa 2 ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategoriji M<sub>2</sub> u M<sub>3</sub>; Anness IX, naħa 2 ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategoriji N<sub>1</sub>, N<sub>2</sub> u N<sub>3</sub>; Anness IX, , naħa 2 ta' vetturi mhux kompluti ta' kategorija M<sub>1</sub>; Anness IX, naħa 2 ta' vetturi mhux kompluti ta' kategoriji M<sub>2</sub> u M<sub>3</sub>; Anness IX, , naħa 2 ta' vetturi mhux kompluti ta' kategorij N<sub>1</sub>, N<sub>2</sub> u N<sub>3</sub>; Anness XV;

- 5) Fl-Artikolu 8(2)(c) il-kliem “jew Regolament(i)” se jiżdiedu wara l-kliem “Direttiva/i”.
- 6) Fl-Anness IV, il-parti I, il-punt 2 tat-tabella u l-intestatura tat-tabella għandhom jiġu sostitwiti b’dan li ġej:

| Suġġett                                             | Numru tad-Direttiva/<br>Regolament | Referenza<br>tal-Ġurnal<br>Uffiċjali | Applikabbiltà   |                 |                |                 |                 |                |                |                |                |                |
|-----------------------------------------------------|------------------------------------|--------------------------------------|-----------------|-----------------|----------------|-----------------|-----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|
|                                                     |                                    |                                      | M <sub>1</sub>  | M <sub>2</sub>  | M <sub>3</sub> | N <sub>1</sub>  | N <sub>2</sub>  | N <sub>3</sub> | O <sub>1</sub> | O <sub>2</sub> | O <sub>3</sub> | O <sub>4</sub> |
| 2. Emissjonijiet/<br>Aċċess għall-<br>informazzjoni | .../.../KE                         | L ..., ...,<br>p. ..                 | X <sup>10</sup> | X <sup>10</sup> |                | X <sup>10</sup> | X <sup>10</sup> |                |                |                |                |                |

<sup>10</sup> Għal vetturi b'massa ta' referenza ta' mhux aktar minn 2610 kg. Fuq talba tal-produttur tista' tapplika għal vetturi b'massa ta' referenza ta' mhux aktar minn 2840 kg.

- 7) Fl-Anness IV, il-parti I, il-punti 11 u 39 għandhom jiġihassru.
- 8) Fl-Anness VII (4) il-kliem “jew Regolament” għandhom jiżdiedu wara l-kliem “fil-każ ta' Direttiva”.

- 9) Fl-Anness VII (5) il-kliem “jew Regolament” għandhom jizziedu wara l-kliem “l-aktar Direttiva reċenti”.
- 10) Fl-Anness XI, Appendiċi 1, il-punt 2 tat-tabella u l-intestatura tat-tabella għandhom jiġi sostitwiti b’dan li ġej:

| Oġġett | Suġġett                                          | Numru tad-Direttiva/<br>Regolament | $M_1 \leq 2\,500$<br>( <sup>1</sup> ) kg | $M_1 > 2\,500$<br>( <sup>1</sup> ) kg | $M_2$ | $M_3$ |
|--------|--------------------------------------------------|------------------------------------|------------------------------------------|---------------------------------------|-------|-------|
| 2      | Emissjonijiet/<br>Aċċess għall-<br>informazzjoni | .../.../KE                         | Q                                        | G+Q                                   | G+Q   |       |

- 11) Fl-Anness XI, Appendiċi I, il-punti 11 u 39 għandhom jiġihassru.

- 12) Fl-Anness XI, Appendiċi 2, il-punt 2 tat-tabella u l-intestatura tat-tabella għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

| Oġġett | Suġġett                                      | Numru tad-Direttiva/<br>Regolament | M <sub>1</sub> | M <sub>2</sub> | M <sub>3</sub> | N <sub>1</sub> | N <sub>2</sub> | N <sub>3</sub> | O <sub>1</sub> | O <sub>2</sub> | O <sub>3</sub> | O <sub>4</sub> |
|--------|----------------------------------------------|------------------------------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|
| 2      | Emissjonijiet/<br>Aċċess għall-informazzjoni | .../.../KE                         | A              | A              |                | A              | A              |                |                |                |                |                |

- 13) Fl-Anness XI, Appendiċi 2, il-punti 11 u 39 għandhom jiġihassru.

- 14) Fl-Anness XI, Appendiċi 3, il-punt 2 tat-tabella u l-intestatura tat-tabella għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

| Oġġett | Suġġett                                      | Numru tad-Direttiva/<br>Regolament | M <sub>2</sub> | M <sub>3</sub> | N <sub>1</sub> | N <sub>2</sub> | N <sub>3</sub> | O <sub>1</sub> | O <sub>2</sub> | O <sub>3</sub> | O <sub>4</sub> |
|--------|----------------------------------------------|------------------------------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|
| 2      | Emissjonijiet/<br>Aċċess għall-informazzjoni | .../.../KE                         | Q              |                | Q              | Q              |                |                |                |                |                |

- 15) Fl-Anness XI, Appendiċi 3, il-punt 11 għandu jitħassar.
- 16) Fl-Anness XI, Appendiċi 4, il-punt 2 tat-tabella u l-intestatura tat-tabella għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

| Oġġett | Suġġett                                          | Numru tad-Direttiva/<br>Regolament | Krejn<br>Mobbli tal-<br>kategorija N |
|--------|--------------------------------------------------|------------------------------------|--------------------------------------|
| 2      | Emissjonijiet/<br>Aċċess għall-<br>informazzjoni | .../.../KE                         | N/A                                  |

- 17) Fl-Anness XI, Appendiċi 4, il-punt 11 għandu jitħassar.

---